

## RAPPORT

dwar il-kontijiet annwali tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-  
Informazzjoni għas-sena finanzjarja 2014 flimkien mar-risposta tal-Aġenzija

(2015/C 409/25)

## INTRODUZZJONI

1. L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Informazzjoni (minn hawn 'il quddiem "l-Aġenzija", magħrufa wkoll bħala l-"ENISA"), li tinsab f'Heraklion<sup>(1)</sup>, inħolqot bir-Regolament (KE) Nru 460/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>(2)</sup> li, wara emendi differenti, tħassar bir-Regolament (UE) Nru 526/2013<sup>(3)</sup>. Il-kompitu prinċipali tal-Aġenzija huwa li ttejjeb il-kapaċità tal-Unjoni biex tipprevjeni u tirrispondi għall-problemi tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni billi tibni fuq sforzi internazzjonali u tal-Unjoni<sup>(4)</sup>.

## INFORMAZZJONI LI TAPPOĠĠA D-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

2. L-approċċ tal-awditjar meħud mill-Qorti jinkludi proċeduri analitiċi tal-awditjar, ittestjar dirett tat-tranżazzjonijiet u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll tal-Aġenzija. Dan huwa ssupplimentat b'evidenza pprovduta mix-xogħol ta' awdituri oħrajn u analiżi tar-rappreżentazzjonijiet tal-maniġment.

## DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI

3. Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Qorti awditjat:

- (a) il-kontijiet annwali tal-Aġenzija, li jinkludu r-rapporti finanzjarji<sup>(5)</sup> u r-rapporti dwar l-implimentazzjoni tal-baġit<sup>(6)</sup> għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014, u
- (b) il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati dawk il-kontijiet.

*Ir-responsabbiltà tal-maniġment*

4. Il-maniġment huwa responsabbli mit-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija u mil-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi<sup>(7)</sup>:

- (a) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-kontijiet annwali tal-Aġenzija jinkludu t-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern rilevanti għat-tħejjija u l-preżentazzjoni ġusta ta' rapporti finanzjarji li jkun ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball; l-għażla u l-applikazzjoni ta' politiki kontabilistiċi xierqa fuq il-bażi tar-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni<sup>(8)</sup>; it-tħejjija ta' stimi kontabilistiċi li jkun raġonevoli fiċ-ċirkustanzi. Id-Direttur Eżekuttiv japprova l-kontijiet annwali tal-Aġenzija wara li l-uffiċjal tal-kontabbiltà tagħha jkun hejjehom fuq il-bażi tal-informazzjoni kollha disponibbli u jkun stabbilixxa nota biex takkumpanja l-kontijiet li fiha huwa jiddikjara, fost l-oħrajn, li għandu aċċertament raġonevoli li dawn jippreżentaw stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja tal-Aġenzija fl-aspetti materjali kollha.
- (b) Ir-responsabbiltajiet tal-maniġment fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi u l-konformità mal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja tajba jikkonsistu fit-tfassil, l-implimentazzjoni u ż-żamma ta' sistema ta' kontroll intern effettiva u effiċjenti li tinkludi superviżjoni adegwata u miżuri xierqa għall-prevenzjoni ta' irregolaritajiet u frodi u, jekk meħtieġ, proċedimenti legali għall-irkupru ta' fondi mħallsa jew użati ħażin.

<sup>(1)</sup> Il-persunal operazzjonali tal-Aġenzija ġie rilokat f'Ateni f'Marzu 2013. Il-persunal amministrattiv tagħha baqa' f'Heraklion.

<sup>(2)</sup> ĠU L 77, 13.3.2004, p. 1.

<sup>(3)</sup> ĠU L 165, 18.6.2013, p. 41.

<sup>(4)</sup> L-Anness II jagħti sommarju tal-kompetenzi u l-attivitajiet tal-Aġenzija. Huwa ppreżentat għal skopijiet ta' informazzjoni.

<sup>(5)</sup> Dawn jinkludu l-karta tal-bilanċ u r-rapport tal-prestazzjoni finanzjarja, it-tabella tal-flussi tal-flus, ir-rapport tat-tibdil fl-assi netti u sommarju tal-politiki kontabilistiċi sinifikanti u noti oħra ta' spjegazzjoni.

<sup>(6)</sup> Dawn jinkludu l-kont tar-riżultat baġitarju u l-anness għall-kont tar-riżultat baġitarju.

<sup>(7)</sup> L-Artikoli 39 u 50 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1271/2013 (ĠU L 328, 7.12.2013, p. 42).

<sup>(8)</sup> Ir-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni huma dderivati mill-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà għas-Settur Pubbliku (IPSAS) maħruġa mill-Federazzjoni Internazzjonali tal-Kontabilisti jew, fejn rilevanti, l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà (IAS)/l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (IFRS) maħruġa mill-Bord dwar l-Istandards Internazzjonali tal-Kontabbiltà.

**Ir-responsabbiltà tal-awditur**

5. Ir-responsabbiltà tal-Qorti hija li, fuq il-bażi tal-awditu tagħha, tipprowdi lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill <sup>(9)</sup> b'dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-Qorti tmexxi l-awditu tagħha skont l-Istandards Internazzjonali tal-Awditjar u l-Kodiċijiet tal-Etika tal-IFAC u l-Istandards Internazzjonali tal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar tal-INTOSAI. Dawn l-istandards jeżiġu li l-Qorti tippjana u twettaq l-awditu biex tikseb aċċertament raġonevoli dwar jekk il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jkunux ħielsa minn kwalunkwe dikjarazzjoni skorretta materjali u dwar jekk it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati jkunux legali u regolari.

6. L-awditu jinvolvi t-tweqqif ta' proċeduri biex tinkiseb evidenza għall-awditjar dwar l-ammonti u d-divulgazzjonijiet fil-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. Il-proċeduri magħżula jiddependu fuq il-ġudizzju tal-awditur, li huwa bbażat fuq valutazzjoni tar-riskji ta' dikjarazzjoni skorretta materjali tal-kontijiet u ta' nuqqas ta' konformità materjali mit-tranżazzjonijiet ta' bażi mar-rekwiżiti fil-qafas legali tal-Unjoni Ewropea, sew jekk minħabba frodi u sew jekk minħabba xi żball. Meta jivvaluta dawn ir-riskji, l-awditur iqis kwalunkwe kontroll intern rilevanti għat-tħejija u l-preżentazzjoni ġusta tal-kontijiet, kif ukoll is-sistemi ta' superviżjoni u kontroll li jkunu implimentati biex jiġu żgurati l-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi, u jfassal proċeduri tal-awditjar li jkunu xierqa skont iċ-ċirkustanzi. L-awditu jinvolvi wkoll l-evalwazzjoni tal-adeqgatezza tal-politiki kontabilistiċi, ir-raġonevolezza tal-istimi kontabilistiċi u l-preżentazzjoni kumplessiva tal-kontijiet. Fit-tħejija ta' dan ir-rapport u d-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni, il-Qorti qieset ix-xogħol tal-awditjar li l-awditur indipendenti estern wettaq fuq il-kontijiet tal-Aġenzija kif stipulat fl-Artikolu 208(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE <sup>(10)</sup>.

7. Il-Qorti tqis li l-evidenza għall-awditjar miksuba hija suffiċjenti u xierqa biex tipprowdi bażi għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tagħha.

**Opinjoni dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet**

8. Fl-opinjoni tal-Qorti, il-kontijiet annwali tal-Aġenzija jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħha fil-31 ta' Diċembru 2014 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha u l-flussi tal-flus tagħha għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni.

**Opinjoni dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet**

9. Fl-opinjoni tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2014 huma legali u regolari fl-aspetti materjali kollha.

10. Il-kummenti li ġejjin ma jixħtux dubju fuq l-opinjonijiet tal-Qorti.

**KUMMENTI DWAR IL-ĠESTJONI BAĠITARJA**

11. Il-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet impenjati kien għoli flivell ta' 100 % (94 % fl-2013). B'kollox, l-appropriazzjonijiet impenjati riportati għall-2015 jammontaw għal EUR 1,3 miljun, jiġifieri 15 % tal-appropriazzjonijiet totali (2013: EUR 1,2 miljun, jiġifieri 13,5 %). L-appropriazzjonijiet ta' impenn riportati huma għoljin għat-Titolu II (nefqa amministrattiva) flivell ta' EUR 0,6 miljun, jiġifieri 49 % (2013: EUR 0,8 miljun, jiġifieri 59 %). Dawn kienu marbuta ma' investimenti fl-infrastruttura tal-IT ordnata kif ippjanat viċin tmiem is-sena għaż-żewġ uffiċċji tal-Aġenzija.

**SEGWITU GĦALL-KUMMENTI MIS-SNIN PREĊEDENTI**

12. Ħarsa ġenerali lejn l-azzjonijiet korrettivi li ttieħdu b'rispons għall-kummenti tal-Qorti mis-snin preċedenti tingħata fl-Anness I.

<sup>(9)</sup> L-Artikolu 107 tar-Regolament (UE) Nru 1271/2013.

<sup>(10)</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 298, 26.10.2012, p. 1).

---

Dan ir-Rapport għe adottat mill-Awla IV, immexxija mis-Sur Milan Martin CVIKL, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-8 ta' Settembru 2015.

*Għall-Qorti tal-Awdituri*

Vitor Manuel da SILVA CALDEIRA

*President*

---

## ANNEX I

## Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

Sena	Kumment tal-Qorti	Status tal-azzjoni korrettiva (Ikkompletata/Għadha għaddejja/ Pendenti/M/A)
2012	Filwaqt li r-Regolament Finanzjarju u r-Regoli ta' Implimentazzjoni korrispondenti jipprevedu inventarju fiżiku tal-assi fissi mill-inqas kull tliet snin, l-Aġenzija ma wettqitx inventarju fiżiku komprensiv mill-2009 'l hawn.	Għadha għaddejja
2013	Il-livell kumplessiv ta' approprjazzjonijiet impenjati kien ta' 94 %, li jtifisser prinċipalment mill-fatt li fondi addizzjonali mitluba mingħand il-Kummissjoni għall-finanzjament tar-rinnovament tal-uffiċċju l-ġdid f'Ateni ġew approvati biss f'Novembru 2013. F'dan il-kuntest, ammont ta' EUR 0,5 miljun li ma kienx għadu impenjat fi tmiem is-sena ġie riportat wara deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija.	M/A
2013	B'kollox, l-appropriazzjonijiet mhux impenjati u dawk impenjati riportati għall-2014 ammontaw għal EUR 1,2 miljun (jew għal 13,5 % tal-appropriazzjonijiet totali). Dan kien prinċipalment jikkonċerna t-Titolu II (nefqa amministrattiva) b'EUR 0,8 miljun jew 59 % tal-appropriazzjonijiet tat-Titolu II. Dan il-livell għoli jtifisser prinċipalment mir-riport ta' EUR 0,5 miljun imsemmi fil-paragrafu 11 u mir-riporti addizzjonali ta' EUR 0,3 miljun sabiex jiġu ffinanzjati l-għamara u t-tagħmir tan-netwerking għall-uffiċċju f'Ateni li ġew ordnati lejn tmiem is-sena.	M/A
2013	Il-persunal operazzjonali tal-ENISA ġie rilokat f'Ateni fl-2013, filwaqt li l-persunal amministrattiv jibqa' f'Heraklion. X'aktarx li li l-ispejjeż amministrattivi setgħu jitnaqqsu li kieku l-persunal kollu ġie ċentralizzat f'lok wieħed.	M/A
2013	Skont il-ftehim tal-kiri bejn l-awtoritajiet Griegi, l-Aġenzija u sid il-kera, il-kera għall-uffiċċji f'Ateni titħallas mill-awtoritajiet Griegi. Din il-kera titħallas kontinwament b'dewmien ta' bosta xhur li huwa riskju ta' kontinwità tan-negozju u riskju finanzjarju għall-Aġenzija: l-operazzjonijiet tagħha jkunu affettwati, u l-investimenti tagħha fit-tagħmir u fir-rinnovament tal-uffiċċju jkunu mitlufa, li kieku sid il-kera kellu jikkanċella l-ftehim tal-kiri minħabba dan id-dewmien fil-pagament.	Ikkompletata

## ANNEX II

## L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar is-Sigurtà tan-Netwerks u l-Infommazzjoni (Ateni u Heraklion)

## Kompetenzi u attivitajiet

<p><b>Oqsma ta' kompetenza tal-Unjoni li jidderivaw mit-Trattat</b></p> <p>(L-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea)</p>	<p>Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja u wara li jikkonsultaw mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, għandhom jadottaw il-miżuri għall-approssimazzjoni tad-dispożizzjonijiet stipulati bil-liġi, b'regolamenti jew b'azzjoni amministrattiva fi Stati Membri li għandhom bħala l-għan tagħhom l-istabbiliment u l-operazzjoni tas-suq intern.</p> <p>Ir-responsabbiltà tas-Suq Intern hija kompetenza kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri (l-Artikolu 4(2)(a) TFUE).</p>
<p><b>Kompetenzi tal-Aġenzija</b></p> <p>(Ir-Regolament (UE) Nru 526/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)</p>	<p><b>Għanijiet</b></p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1. L-Aġenzija għandha tiżviluppa u żżomm livell għoli ta' kompetenza esperta.</li> <li>2. L-Aġenzija għandha tassisti lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni fl-iżvilupp ta' politika dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-infommazzjoni.</li> <li>3. L-Aġenzija għandha tassisti lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni tal-linji ta' politika meħtieġa biex ikunu ssodisfati r-rekwiżiti legali u regolatorji tas-sigurtà tan-netwerks u l-infommazzjoni fl-atti legali eżistenti u futuri tal-Unjoni, u b'hekk tikkontribwixxi għall-funzjonament (operazzjoni) korrett xieraq tas-suq intern.</li> <li>4. L-Aġenzija għandha tassisti lill-Unjoni u lill-Istati Membri fit-tkabbir (titjib) u t-tisħiħ tal-kapaċità u l-istat ta' tħejjija tagħhom biex timpedixxi (tipprevjeni), tidentifika u ttrrispondi għal problemi u inċidenti li jikkonċernaw is-sigurtà tan-netwerks u l-Infommazzjoni.</li> <li>5. L-Aġenzija għandha tuża l-kompetenza esperta tagħha biex tistimula kooperazzjoni wiesgħa bejn atturi mis-settur pubbliku u atturi mis-settur privat.</li> </ol> <p><b>Kompiti</b></p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1. L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti li ġejjin:       <ol style="list-style-type: none"> <li>(a) tappoġġa l-iżvilupp tal-politika u l-liġi tal-Unjoni, billi:           <ol style="list-style-type: none"> <li>(i) tassisti u tagħti pariri dwar il-kwistjonijiet kollha marbutin mal-politika u mal-liġi tal-Unjoni dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-infommazzjoni;</li> <li>(ii) ttipprovdi ħidma preparatorja, pariri u analiżi fir-rigward tal-iżvilupp u l-aġġornament tal-politika u tal-liġi tal-Unjoni dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-infommazzjoni;</li> <li>(iii) tanalizza strateġiji dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-infommazzjoni disponibbli pubblikament, u tippromwovi l-pubblikazzjoni tagħhom;</li> </ol> </li> <li>(b) tappoġġa l-iżvilupp ta' kapaċitajiet billi:           <ol style="list-style-type: none"> <li>(i) tappoġġa, fuq talba tagħhom, lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw u jtejjbu l-prevenzjoni, l-iskoperta u l-analiżi ta' problemi u inċidenti li jikkonċernaw is-sigurtà tan-netwerks u l-infommazzjoni, u l-kapaċità ta' rispons għalihom u billi tippromwovi l-għarfien meħtieġ;</li> <li>(ii) tippromwovi u tiffaċilita l-kooperazzjoni volontarja fost l-Istati Membri u bejn l-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jimpedixxu (jipprevjenu), jidentifikaw u jtrrispondu għal problemi u inċidenti li jikkonċernaw is-sigurtà tan-netwerks u l-infommazzjoni fejn dawn għandhom impatt transkonfinali;</li> </ol> </li> </ol> </li> </ol>

- (iii) tassisti lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni fl-isforzi tagħhom biex jiżviluppaw il-prevenzjoni, l-iskoperta u l-analiżi ta' problemi u inċidenti li jikkonċernaw is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, u l-kapaċità ta' rispons għalihom, b'mod partikolari billi tappoġġa l-operat tal-Iskwadra ta' Rispons f'Emerġenza Relatata mal-Kompjuters (CERT) għalihom;
- (iv) tappoġġa żieda fil-livell ta' kapaċitajiet tas-CERTs nazzjonali/governattivi u tal-Unjoni, inkluż bil-promozzjoni tad-djalogu u l-iskambju tal-informazzjoni, bil-ħsieb li tiżgura li kull CERT tkun tal-iprem kwalità billi tilħaq ġabra komuni ta' kapaċitajiet minimi u topera skont l-aħjar prattiki;
- (v) tappoġġa l-organizzazzjoni u t-tmexxija tal-eżerċizzji tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni tal-Unjoni u, fuq talba tagħhom, tagħti pariri lill-Istati Membri dwar eżerċizzji nazzjonali;
- (vi) tassisti lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom għall-għbir, l-analiżi u, b'konformità mar-rekwiżiti ta' sigurtà tal-Istati Membri, it-tqassim tad-*data* rilevanti dwar is-sigurtà tan-netwerk u l-informazzjoni; u abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u mill-Istati Membri b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni u d-dispożizzjonijiet nazzjonali b'konformità mal-liġi tal-Unjoni, iżżomm sensibilizzati lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni kif ukoll lill-Istati Membri dwar il-qagħda l-iktar reċenti tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni fl-Unjoni, għall-benefiċċju tagħhom;
- (vii) tappoġġa l-iżvilupp ta' mekkaniżmu ta' twissija bikrija tal-Unjoni li jkun komplementari għall-mekkaniżmi tal-Istati Membri;
- (viii) toffri taħriġ dwar is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni għal korpi pubbliċi rilevanti, fejn xieraq, b'kooperazzjoni mal-partijiet interessati pubbliċi u privati;
- (c) tappoġġa kooperazzjoni volontarja fost il-korpi pubbliċi kompetenti, u bejn il-partijiet interessati, inklużi l-universitajiet u ċ-ċentri ta' riċerka fl-Unjoni, u tappoġġa t-tkabbir ta' sensibilizzazzjoni, *inter alia*, billi:
- (i) tippromwovi l-kooperazzjoni bejn is-CERTs nazzjonali u governattivi jew Skwadri ta' Rispons għal Inċidenti relatati mas-Sigurtà tal-Kompjuters (CSIRTs), inkluż is-CERT għall-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni;
- (ii) tippromwovi l-iżvilupp u l-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bil-għan li jinkiseb livell avanzat ta' sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni;
- (iii) tiffaċilita d-djalogu u l-isforzi għall-iżvilupp u l-iskambju tal-aħjar prattiki;
- (iv) tippromwovi l-aħjar prattiki fil-kondiviżjoni tal-informazzjoni u fit-tkabbir tal-għarfien;
- (v) tappoġġa lill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u, fuq talba tagħhom stess, lill-Istati Membri u lill-korpi rilevanti tagħhom fl-organizzazzjoni taż-żieda tal-għarfien, inkluż fil-livell tal-utenti individwali, u permezz ta' attivitajiet ta' komunikazzjoni oħrajn biex tiżdied is-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni u l-viżibbiltà tagħha billi ttipprovdi l-aħjar prattiki u linji gwida;
- (d) tappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp u l-istandardizzazzjoni billi:
- (i) tiffaċilita l-ħolqien u l-promozzjoni ta' standards Ewropej u internazzjonali għall-ġestjoni tar-riskju u għas-sigurtà tal-prodotti, netwerks u servizzi elettroniċi;

	<p>(ii) tagħti parir lill-Unjoni u lill-Istati Membri dwar il-ħtiġijiet tar-riċerka fil-qasam tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni bil-ħsieb li tingħata tweġiba effikaċi għar-riskji u theddid attwali u emerġenti għas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, inkluż b'kunsiderazzjoni ta' teknoloġiji ġodda u emerġenti tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni, u li jsir użu effettiv mit-teknoloġiji ta' prevenzjoni tar-riskji;</p> <p>(e) tikkoopera mal-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni, inklużi dawk li jitrattaw maċ-ċibekriminalità u l-protezzjoni tal-privatezza u tad-<i>data</i> personali, bil-ħsieb li tindirizza kwistjonijiet ta' tħassib komuni, anke permezz ta':</p> <p>(i) l-iskambju ta' għarfien u tal-aħjar prattiki;</p> <p>(ii) l-għoti ta' pariri dwar aspetti tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni rilevanti sabiex jiġu żviluppati sinerġiji;</p> <p>(f) tikkontribwixxi għall-isforzi tal-Unjoni biex tikkoopera ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali għall-promozzjoni ta' kooperazzjoni internazzjonali dwar kwistjonijiet tas-sigurtà tan-netwerks u l-informazzjoni, anke billi:</p> <p>(i) tipparteċipa fejn xieraq, bħala osservatur u fl-organizzazzjoni ta' eżerċizzji internazzjonali, u billi tanalizza u tirrapporta dwar l-eżitu ta' dawn l-eżerċizzji;</p> <p>(ii) tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki tal-organizzazzjonijiet rilevanti;</p> <p>(iii) tipprovdi lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni b'konoxxenza esperta.</p> <p>2. L-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u l-korpi tal-Istati Membri jistgħu jitolbu parir mill-Aġenzija fil-każ ta' ksur tas-sigurtà jew telf ta' integrità b'impatt sinifikanti fuq l-operat tan-netwerks u tas-servizzi.</p> <p>3. L-Aġenzija għandha twettaq il-kompiti mogħtija lilha permezz ta' atti legali tal-Unjoni.</p> <p>4. L-Aġenzija għandha tesprimi b'mod indipendenti l-konklużjonijiet, il-gwida u l-pariri tagħha dwar kwistjonijiet fi ħdan l-ambitu u l-għanijiet ta' dan ir-Regolament.</p>
<p><b>Governanza</b></p>	<p><b>Bord tat-Tmexxija</b></p> <p>Il-Bord tat-Tmexxija huwa magħmul minn rappreżentant wieħed ta' kull Stat Membru, u żewġ rappreżentanti maħtura mill-Kummissjoni. Ir-rappreżentanti kollha għandhom id-dritt tal-vot. Kull membru tal-Bord tat-Tmexxija għandu supplent biex jirrappreżenta lill-membru fil-każ tal-assenza tiegħu/tagħha.</p>

	<p>Il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u s-supplenti tagħhom għandhom jiġu maħtura fid-dawl tal-konozzenza tagħhom tal-kompiti u l-għanijiet tal-Aġenzija, b'kunsiderazzjoni tal-ħiliet maniġerjali, amministrattivi u baġitarji li huma rilevanti għat-twettiq tal-kompiti ta' membru tal-Bord tat-Tmexxija.</p> <p>Il-mandat tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija u s-supplenti tagħhom huwa ta' erba' snin. Dak il-mandat jista' jiġi mġedded.</p> <p><b>Grupp Permanenti ta' Partijiet Interessati</b></p> <p>Il-Bord tat-Tmexxija, fuq proposta mid-Direttur Eżekuttiv, iwaqqaf Grupp Permanenti ta' Partijiet Interessati magħmul minn esperti rikonoxxuti li jirrappreżentaw il-partijiet interessati rilevanti, bħall-industrija tal-ICT, fornituri ta' networks jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika li jkunu disponibbli għall-pubbliku, gruppi rappreżentattivi tal-konsumatur, esperti akkademiċi fis-sigurtà tan-networks u l-informazzjoni, u rappreżentanti ta' awtoritajiet regolatorji nazzjonali nnotifikati taħt id-Direttiva 2002/21/KE kif ukoll ta' awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u tal-protezzjoni tal-privatezza. Il-mandat tal-membri tal-Grupp Permanenti ta' Partijiet Interessati huwa ta' sentejn u nofs.</p> <p>Il-Grupp Permanenti ta' Partijiet Interessati jagħti pariri lill-Aġenzija fir-rigward tat-twettiq tal-attivitajiet tagħha. B'mod partikolari, huwa jagħti pariri lid-Direttur Eżekuttiv dwar it-tfassil ta' proposta għall-programm ta' ħidma tal-Aġenzija, u dwar l-iżgurar ta' komunikazzjoni mal-partijiet interessati rilevanti dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-programm ta' ħidma.</p> <p><b>Direttur Eżekuttiv</b></p> <p>Id-Direttur Eżekuttiv jinħatar mill-Bord tat-Tmexxija, minn lista ta' kandidati proposti mill-Kummissjoni, wara proċedura ta' għażla miftuħa u trasparenti, għal mandat ta' ħames snin li jista' jiġi mġedded.</p> <p><b>Bord Eżekuttiv</b></p> <p>Il-Bord Eżekuttiv jikkonsisti f'ħames membri maħtura minn fost il-membri tal-Bord tat-Tmexxija u jinkludi l-President tal-Bord tat-Tmexxija, li jista' jkun ukoll il-President tal-Bord Eżekuttiv, u wieħed mir-rappreżentanti tal-Kummissjoni.</p> <p><b>Awditu estern</b></p> <p>Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri.</p> <p><b>Awditu intern</b></p> <p>Is-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni.</p> <p><b>Awtorità ta' kwittanza</b></p> <p>Il-Parlament Ewropew fuq rakkomandazzjoni mill-Kunsill.</p>
<p><b>Riżorsi disponibbli għall-Aġenzija fl-2014 (2013)</b></p>	<p><b>Baġit Finali</b></p> <p>EUR 9,7 miljun (<i>EUR 9,7 miljun</i>) li minnhom is-sussidju tal-Unjoni huwa 94 % (93 %).</p> <p><b>Persunal fil-31 ta' Diċembru 2014</b></p> <p>48 (47) post fit-tabella tal-persunal, li minnhom okkupati: 46 (43).</p> <p>Postijiet oħra okkupati: 14 (13)-il membru tal-persunal kuntrattwali, 2 (3) Esperti Nazzjonali Sekondati.</p> <p>Total tal-persunal: 62 (59), li jwettqu l-kompiti li ġejjin:</p> <p>operazzjonali: 44 (42)</p> <p>amministrattivi: 18 (17)</p>



**Prodotti u servizzi fl-2014 (2013)**

L-attivitajiet ewlenin tal-ENISA għall-2014 ġew iggruppati fi tliet flussi ta' xogħol (WSs).

**WS (<sup>1</sup>) 1 – Appoġġ għall-Bini ta' Politika tal-UE**

Matul l-2014, l-ENISA pprovdiet appoġġ għall-proċess ta' mmarrar tal-politika. Dan inkiseb billi saret disponibbli informazzjoni konsolidata dwar ix-xenarju ta' theddid emerġenti lil dawk li jfasslu l-politika u billi ġew ifformulati messaġġi ewlenin lill-Istati Membri dwar kif jiżguraw li l-politiki u l-kapaċitajiet tagħhom huma allinjati mal-għanijiet tal-UE filwaqt li jieħdu kont tat-tagħlimiet misluta fi ħdan l-Istati Membri differenti. Dawn ir-riżultati kienu jserrħu fuq l-unifikazzjoni ta' sorsi disponibbli ta' informazzjoni taħt kuntest komuni u fl-istess waqt hteġu l-kollaborazzjoni u l-involvement ta' partijiet interessati importanti fl-oqsma ta' valutazzjoni tat-theddid, mitigazzjoni tar-riskju u definizzjoni tal-politika.

Intlaħqu l-għanijiet u r-riżultati li ġejjin.

- Identifikazzjoni tal-evoluzzjoni, ir-riskji u l-isfidi teknoloġiċi: identifikazzjoni ta' xejriet, sfidi fil-qasam tas-sigurtà, riskji assoċjati u kontromiżuri meħtieġa, għal teknoloġiji emerġenti (b'attenzjoni speċjali għal oqsma/setturi magħżula).
- Kontribut għall-inizjattivi ta' politika tal-UE: appoġġ għall-inizjattivi ta' politika permezz tal-provvediment ta' perspettiva ta' sigurtà u r-rakkomandazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà u l-aħjar Prattiki tas-sigurtà u l-protezzjoni tad-*data*.
- Appoġġ għall-UE fl-edukazzjoni, ir-riċerka u l-istandardizzazzjoni: trawwim ta' kollaborazzjoni u kooperazzjoni għat-titjib fl-użu minn standards ta' sigurtà u minn riċerka dwar is-sigurtà; promozzjoni tan-NIS fl-edukazzjoni fil-livelli kollha.

Għadd ta' riżultati tanġibbli: 10 (7)

**WS2 – Appoġġ għall-Bini ta' Kapaċità**

Matul l-2014, twettqu għadd ta' attivitajiet immirati lejn l-appoġġ tal-partijiet interessati ewlenin tal-ENISA fl-iżvilupp ta' kapaċitajiet operazzjonali u ta' politika ġodda biex jindirizzaw id-diversi sfidi fiċ-ċibersigurtà u biex jestendu l-kapaċitajiet eżistenti, twettqu matul l-2014.

L-Istati Membri tal-UE u kumpaniji tas-settur privat għandhom livelli differenti ta' maturità fir-rigward tal-kapaċitajiet tagħhom biex jindirizzaw l-attakki u t-tifixkil ċibernetiċi. L-attivitajiet tal-ENISA mwettqa fi ħdan dan il-fluss ta' xogħol kienu mmirati lejn iż-żieda fil-livell ta' sigurtà madwar l-Istati Membri u s-settur privat bil-ġbir u t-tixrid ta' Prattika tajba għas-settur pubbliku u dak privat u għaċ-ċittadin Ewropew b'mod ġenerali.

L-għanijiet u konsegwentement ir-riżultati ta' dan il-Fluss ta' Xogħol kienu:

- Appoġġ għall-bini ta' kapaċità tal-Istati Membri: li jassisti lill-Istati Membri fl-iżvilupp u l-armonizzazzjoni ta' Strateġiji Nazzjonali dwar iċ-Ċibersigurtà (NCSS), Sħubijiet Pubbliċi-Privati (PPPs) kif ukoll metodoloġiji ta' sigurtà u materjal ta' taħriġ fil-qasam ta' CERTs.
- Appoġġ għall-bini ta' kapaċità tas-settur privat: li jiżviluppa gwidi tal-aħjar Prattika, linji gwida, rakkomandazzjonijiet ta' sigurtà jew linji gwida ta' armonizzazzjoni minimi foqsma differenti tan-NIS (jiġifieri NIS u akkwisti, ċertifikazzjoni ta' grilji intelliġenti, ICS SCADA, fornituri ISP, cloud computing).
- Żieda fil-livell ta' stat ta' tħejjija taċ-ċittadini tal-UE: li jipprovidi gwida teknika, materjali ta' tixrid u appoġġ għax-Xahar tal-UE għaċ-Ċibersigurtà.

Għadd ta' riżultati tanġibbli: 16 (16)

### **WS3 – Appoġġ għall-Kooperazzjoni**

Il-kooperazzjoni hija prerekwiżit meħtieġ għat-titjib u t-tisħiħ tan-NIS fis-suq uniku Ewropew u għall-bini tal-kapaċitajiet tan-NIS tal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-UE u pajjiżi terzi.

Fl-2014, l-ENISA kompliet xogħolha f'dan il-qasam billi bniet fuq kollaborazzjoni eżistenti f'komunitajiet rilevanti żviluppata mill-ħolqien tal-aġenzija 'l hawn. L-ENISA appoġġat il-kooperazzjoni billi kompliet tibni l-fiduċja, naqqset id-distakk bejn il-prodotti u s-servizzi offruti fis-suq u l-ħtiġijiet tagħhom, u aġġornat kontinwament l-informazzjoni pprovduta lil dawk li kienu qed jimplementaw il-politika tan-NIS. Mezz ieħor għall-appoġġ tal-kooperazzjoni kopert fl-2014 kien jindirizza l-iżvilupp ta' għodod biex jiffaċilitaw u jtejbu l-komunikazzjoni internazzjonali u l-interkambju ta' informazzjoni rilevanti għas-sigurtà fi ħdan komunitajiet li jikkondividu l-istess interess fi Stati Membri differenti.

L-għanijiet u r-riżultati ta' dan il-Fluss ta' Xogħol kienu:

- Eżerċizzji ta' kooperazzjoni f'każ ta' kriżi: organizzazzjoni tas-Cyber Europe 2014: pjan ta' eżerċizzju, eżerċizzju mwettaq u rapport dwar il-kooperazzjoni f'każ ta' kriżi ċibernetika.
- Implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE: thejjja ta' linji gwida tekniċi u miżuri ta' sigurtà wara analiżi tar-Rapporti Annwali 2013 dwar l-Inċidenti u r-Rakkomandazzjonijiet dwar l-indirizzar ta' inċidenti sinifikanti.
- Kooperazzjoni regolari fost il-komunitajiet tan-NIS: aġġornament u titjib tal-kapaċitajiet operazzjonali tal-istituzzjonijiet tal-Istati Membri permezz ta' għajnuna lill-komunità tas-CERT biex iżid il-livell ta' effiċjenza u effettività tagħha.

Għadd ta' riżultati tanġibbli: 9 (15)

*Nota: Xi riżultati tanġibbli tal-2014 għandhom aktar minn eżitu wieħed/pubblikazzjoni waħda – jiġifieri x-xogħol tad-WP3.2 D1 irriżulta f'6 pubblikazzjonijiet.*

(<sup>1</sup>) WS: Fluss ta' xogħol.

Sors: Anness ipprovdut mill-Aġenzija.

**IR-RISPOSTA TAL-AĠENZIJA**

11. Proġett sinifikanti ta' bini marbut mar-rinnovament tal-uffiċċju f'Ateni tlesta lejn l-aħħar ta' Diċembru 2014. Ix-xogħol ewlieni ħa ż-żmien sakemm tlesta tant li kien meħtieġ li jsiru kuntratti ta' investimenti komplementari jew addizzjonali fl-infrastruttura, l-aktar f'Ateni lejn tmiem is-sena 2014. Sussegwentement, il-konsenja ta' tali investimenti komplementari kienet ippjanata fl-ewwel xhur tal-2015 u għalhekk ġiet osservata r-rata għolja ta' riporti.

---